

# Ir-Restawr tal-Kwadru u l-Artal tal-Madonna taċ-Ċintura

Fiż-żmien l-Arċipriet Fr. Eric Overend kienet saret ir riforma tal-fratellanzi tal-Parroċċa. Għalhekk dawn il-fratellanzi kienu ingħataw statut ġdid li bih setgħu aktar jikkonċentraw il-ħidma tagħhom kemm fuq l-aspetti tal-kariżma individwali tagħhom u kemm fuq xogħol kbir ta' restawr u opri ġodda.

Il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura f'dawn l-aħħar sninli fihom reġgħet ingħatat il-ħajja saru diversi xogħlijiet ta' restawr. Pero il-ħsieb kien idur dejjem madwar il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura. Mhux għax dan biss kellu bżonn xogħol ta' manutenzjoni u restawr imma għall-istat ħażin ħafna li din il-pittura kienet tinstab fiha u kif ukoll kienet l-aktar pittura li kellha bżonn ta' restawr urġenti. Għalhekk il-fratellanza rat kif għamlet f'dawn l-aħħar snin biex tara din il-ħolma ssir realta u b'hekk din il-pittura terġa' tingħata lura lil Parroċċa fil-glorja kollha tagħha kif illum tista' titgawda. Żgur li din il-pittura m'hijiex waħidha u l-kwadri kollha tal-Knisja jeħtiġilhom restawr. U kien dan li wassal biex dan il-proġett jkun prijorita. Pero meta dan il-proġett kien diskuss inħass li kellu jkun wieħed komplut u allura kellu jikkonsisti kemm fir-restawr tal-pittura, l-artal tal-irħam, iż-żebgħa u nduratura tan-nava u installazzjoni ta' dawl ġdid.

Ir-Restawr tal-Pittura

L-ispiża kienet l-ikbar ugieħ ta' ras għall-fratellanza. Sa mill-2012 beda jiġievalwat kif jistgħu jiġu fondi għal dan il-proġett. B'applikazzjoni għand il-Fondi Kawżi Ġusti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi għal dan il-proġett kienet l-akbar għajnuna għall-ispiża tar-restawr. Meta ġiet aċċettata t-talba f'Jannar 2017, beda kuntatt ma'



Il-proċess tat-tindif tal-Kwadru

restawraturi diversi u intgħażlet id-ditta Prevarti immexxija mir-restawratur Pierre Bugeja li dan ġie jara l-pittura u wara din ġiet meħudha fil-laboratorju ta' din il-kumpanija ġewwa l-Mosta.

Il-pittura hija waħda minn tal-bidu nett li tqegħdet fil-knisja. Fl-artiklu tiegħu Raymond Miceli fil-gazzetta in-Nazzjon iddattata 30 ta' Jannar 2018 dan jgħid li l-pittura tal-Madonna taċ-Ċintura tpittret minn Francesco Zahra, wieħed mill-artisti prominenti f'Malta li ħadem l-aktar f'nofs is-seklu 18. Din il-pittura hi xogħol bikri ta' Zahra meta kien għadu fil-bottega ta' Ġann Nikol Buhagiar u tista tkun iddatata fil-bidu tal-1730.

Fl-arkivji tal-Knisja Parrokjali insibu li kienet twaħħlet kontra tila fl-1923 mill-artist Ġużeppi Caruana u dan naddaf u għamel xogħol ta' manutenzjoni fuq din il-pittura. Fl-awtobijografija tal-kittieb Żejtuni Trevor Zahra fil-ktieb 'Il-Ġenn li jżommni f'Sikti' jirrakonta kif zijuh, 'l istess pittur Ġużeppi Caruana, kien jirrakkontalu kif f'dak iż-żminijet kif rajna mill-kitbiet tal-arkivju parrokjali kienet fi stat ħażin ħafna. Dan wassal għall-biċċa xogħol mhux faċli għar-rewtawratur.



Waqt ir-restawr tal-kwadru

Il-pittura kellha ħsara kbira minħabba l-fraġilita ta' saff żebgħa li kienet qegħda tinqala' u tfaqqa ma kullimkien. Il-verniċ


Waqt ir-restawr tan-nava taċ-Ċintura

kien skura u sfar biż-żmien u għalhekk il-pittura ġiet tidher iktar skura u matta milli filfatt kienet oriġinaljament. Matul ir-restawr taż-żebgħa il-fraġilita kienet rinforzata sabiex ma tintilifx u biex tissaħħaħ il-kundizzjoni tagħha. Il-verniċ u s-saffi ta' żebgħa żejda ġew imneħħija u l-inforra l-qadima ġiet mibdula. Wara t-tindif il-partijiet neqsin ġew mimlija u integrati bl-użu ta' kuluri ta' verniċ billi ntuża' l-metodu trattegio. Il-pittura ġiet trattata ġewwa kamra apposta kontra l-elementi fl-istess binja tal-kumpanija. Wara dan ix-xhur kollha il-pittura reġgħet ingħatat il-ħajja u għal nofs Diċembru tal-2017 ix-xogħol kien tlesta u kien baqa biss li tinġieb lura fil-knisja.

**Xoghlijiet oħra marbuta ma' dan il-proġett**

Mhux biss il-kwadru kien wasal għal restawr urġenti imma wkoll l-artal kellu bżonn ta' xogħol ta' restawr fl-irħam, xogħol li sar mill-marmista Ronnie Pisani. Inħass ukoll bżonn li l-gwarniċa tal-iskannel ta' fuq l-artal minflok terġa tiġi ndurata mill-ġdid bħal ma kienet, peress li l-induratura kienet kważi ntilfet kompletament, kellha ssir tar-ramm biex b'hekk tkun evitata kull tip ta' ħsara kemm waqt ix-xogħol ta' armar fuq 'l istess artal u anke fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan ix-xogħol fir-ramm sar mill-familja Cassar. Sa dan it-tant beda x-xogħol ta' żebgħa b'mod volontajru mis-Sur Karmenu Schiavone taħt is-superviżjoni ta' Dun Gino Gauci. Saret ukoll installazzjoni ġdida ta' dawl li dan sar b'mod volontarju mis-Sur Joseph Brownrigg. Fi tmiem tax-xogħol taż-żebgħa kien jonqos biss xogħol ta' nduratura ta' diversi partijiet li fihom l-induratura kienet spiċċat biż-żmien, bħal pereżempju il-gwarniċi t'isfel tal-kontrapilasti u l-Ispirtu s-Santu li hemm fuq

il-kwadru. Ġew ukoll in-durati mill-ġdid kemm tal-gwarniċ tal-pittura tal-Madonna taċ-Ċintura u kif ukoll is-sotto kwardu ta' San Gejtanu. Dan ix-xogħol kollu ta' nduratura sar mis-Sur John Pace. Sar xogħol ieħor relatat ma' dan il-proġett mill-fratelli fi ħdan il-fratellanza bħal għajnuna fix-xogħol tad-dawl, tindif tad-deheb kollu tan-nava u diversi xogħlijiet oħra.



Ir-restawratur Pierre Bugeja jagħti rendikont tax-xogħol tar-restawr



L-artal u l-kwadru qabel bdiet iċ-ċelebrazzjoni tal-inawgurazzjoni

Kif tlestew ix-xogħlijiet kollha marbuta mal-artal inġieb lura l-kwadru minn ghand id-ditta Prevarti. Dan inġieb lura nhar it-23 ta' Jannar 2018, fejn wara li reġa tqegħdet il-gwarniċa mal-kwadru, dan ġie mtella' lura f'postu. Qabel tpoġġa f'postu tpoġġiet plakka kommemorativa li tfakkar il-membri fi ħdan il-fratellanza, iż-żmien li fih sar dan il-proġett taħt il-parrokat ta' Dun Nikol Pace u n-nies kollha li ħadmu f'dan il-proġett. Tpoġġa wkoll lura is-sotto kwadru u anke l-iskannel u wara kollox

ġie mgħotti b'purtiera bi preparazzjoni għall-inawgurazzjoni.

**L-Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Kwadru u tal-Artal**

Il-qofol ta' dan il-proġett kienet il-ġurnata tas-26 ta' Jannar 2018. Fis-seba' ta' filgħaxija bdiet Ċelebrazzjoni Marjana bit-talba tal-Għasar tal-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura mmexija mill-Provinċjal tal-Ordni tal-Patrijiet Agostinjani ġewwa Malta Patri Raymond Francalanza OSA, flimkien ma' membri oħra tal-istess ordni, l-Kleru u l-Abbatini tal-Parroċċa. Fi tmiem it-talba tal-Għasar ir-restawratur Pierre Bugeja ta' rendikont tax-xogħol li kien sar fuq il-pittura u wara dan il-kongregazzjoni resqet lejn l-artal fejn l-Arċipiriet taż-Żejtun Dun Nikol Pace u r-Rettur tal-Fratellanza taċ-Ċintura is-Sur Ishmael Cocker niżlu l-purtiera li kienet qegħda tgħatti dan il-kwadru u wara ġiet intonata is-Salve Regina. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet animata mill-fratell is-Sur Twanny Spangol u mill-Kor Parrokkjali taħt it-tmexxija tas-surmast Mro. Joe Caruana. Għal din iċ-ċelebrazzjoni attendew il-fratellanzi tal-Parroċċa taż-Żejtun, flimkien mal-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura tal-parroċċi Santu Wistin Valletta, San Ġorġ Ħal Qormi, Gudja, Żabbar u l-Konfraternita tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni ġew mgħottija tifkiriet lil dawk li taw is-sehem tagħhom f'dan il-proġett u oħrajn li ġew mistiedna għal din l-okkażjoni u anke ittieħdu numru ritratti. Wara sar



Il-kxif tal-kwadru mill-Arċipriet u r-Rettur tal-Fratellanza



Mument waqt l-inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Kwardu

riċeviment fis-Sala Parrokkjali. Għal din l-okkażjoni l-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura ħarġet ktejjeb ta' tifkira u santa.

**Folder Filateriku Kommemorattiv.**

Nhar is-26 ta' Jannar 2018 il-Fratellanza ħasbet biex tfakkar din l-okkażjoni b'folder filateriku kommemorattiv. Id-disinn sar mir-rettur tal-fratellanza is-Sur Ishmael Cocker, bl-għajnuna tal-Malta Post, b'mod speċjali tas-Sinjura Mary Simpson li kienet ta' għajnuna kbira u ta' inkoraġġiment biex setgħa sar dan il-folder. Dan il-folder kien jikkonsisti f'żewġ folji ta' bolol li jaffiguraw il-ħames personaġġi li jiffurmaw il-kwadru u ħamsa oħra li jaffiguraw il-proċess ta' restawr u l-artal armat fil-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura f'Awwissu. Kien fih ukoll kartolina kommemorativa, santa tal-bizzilla u envelop kommemorattiv b'timbru speċjali maħruġmill-Malta Post li jfakkar il-ġurnata tas-26 ta' Jannar 2018. Nhar il-Festa Tradizzjonali ta' San Girgor, fi tmiem tal-pelleġrinaġġ,membri mill-fratellanza ingħatafolder lil Eċċ. Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna Arċisqof Metropolitan ta' Malta, li min-naħa tiegħu nkoraġġixa dawn l-inizjattivi. 'L istess Arċisqof iffirma kopja oħra ta' dan il-folder biex tinżamm mill-fratellanza.



L-Arċisqof ta' Malta jiffirma l-Folder Kommemorattiv fil-preżenza ta' numru ta' fratelli tal-Madonna taċ-Ċintura

Dan il-proġett ma kienx ikun possibli mingħajr l-għajnuna tal-Ministeru tal-Finanzi, 'il ħafna benefatturi, ditti u għajnuna oħra ta' nkoraġġiment biex setgħa seħħ dan il-proġett. Żgur li aħna fid-dmir li ninkoraġġixu kull tip ta' restawr fil-knejjes tagħna u aħna għandna dejjem nilqgħu t-talba meta niġu msejħa biex nikkontibwixxu għal dan it-tip ta' proġetti biex żgur dawn l-opri li għaddewna missirijietna nippreservawhom u ngħadduhom lil ġenerazzonijiet ta' warajna aħjar milli għaddewhom lilna, biex mhux biss ikunu ta' nspirazzjoni artistika imma fuq kollox ikunu ta' nspirazzjoni spiritwali u reliġjuża kif kienet ix-xewqa ta' dawk kollha li għamlu diversi opri fil-knejjes biex jagħtu ġieħ lil Alla, l-Madonna u l-Qaddisin.